MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2006

Avviz Numru. 167/2006

**Gordon Cassar**

**vs**

**Owen Zammit**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba ta’ l-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ elf, disa’ mija u erbgha u tletin Lira Maltin u disa’ centezmi (LM1,934.09,0), ammont rapprezentanti danni kkagunati mill-konvenut fuq il-karozza ta’ l-ghamla Volkswagen Polo targata POL – 076 proprjeta’ ta’ l-attur fit-3 ta’ April tas-sena 2005 gewwa Hal Qormi, Malta, ghall-habta tat-tmienja u ghaxar minuti ta’ fil-ghaxija ghal liema danni gie misjub hati kriminalment il-konvenut Owen Zammit ai**

**termini tas-sentenza datata it-23 ta' Mejju tas-sena 2005 deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) prevja jekk hemm bzonn id-dikjarazzjoni li ghall-incident fuq imsemmi kien unikament responsabbli l-istess konvenut kif jidher fl-annessa sentenza mmarkata dokument 'A' datata it-23 ta' Mejju tas-sena 2005;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' qbid u bl-imghax legali mit-3 ta' April tas-sena 2005 u bl-ingunzjonijiet tal-konvenut ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-11 ta' Ottubru tas-sena 2006 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur bl-ispejjez kontra l-konvenut Owen Zammit.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------